# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

28 ta' April 2006

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 46/2006

## FESTA SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM 2006

## MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

## L-etika fix-xogħol

Meta nitkellmu fuq ix-xogħol, jiġuna f'moħħna wkoll dawk in-nies li huma fl-eta' u l-kundizzjoni li jistgħu u għandhom bżonn jaħdmu imma xogħol ma jsibux, jew inkella ħaddiema li f'daqqa waħda jitilfu x-xogħol li jkollhom u jiġu lampa stampa.

Li naħsbu f'dawn l-aħwa hija ħaġa naturali, għaliex ix-xogħol hu l-pedament li fuqu tinbena l-ħajja tal-bniedem u tal-familja.

Fil-fatt, kif kellna l-okkażjoni naraw ukoll fis-Sinodu Djoċesan li ċċelebrajna fid-djoċesi tagħna, li jkun hemm xogħol għal kulħadd huwa wkoll is-sies ta' ekonomija ġusta.

Naħseb li naqblu lkoll li, għalhekk, l-aktar prijorita' urġenti għall-politika ekonomika trid tkun, dejjem u f'kull żmien, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda b'pagi adegwati u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, li jippermettu lill-ħaddiem jgħix sew id-dinjita' tiegħu ta' bniedem billi jkollu wkoll ħin biżżejjed għall-mistrieħ, il-familja u l-ħajja reliġjuża u soċjali tiegħu.

Għalhekk ukoll, l-ogħla mpenn ta' l-imsieħba soċjali, kulħadd skond ir-rwol u r-responsabbilta' tiegħu, għandu jkun li jaraw kif, flimkien, f'ambjent seren ta' komplimentarjeta', jidentifikaw x'hemm bżonn isir biex kull min ikun jinħtieġ impjieg isibu fi żmien raġunevoli, waqt li nżommu lkoll quddiem għajnejna li x-xogħol huwa għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol.

Dan huwa mpenn li jrid jagħti każ tajjeb ukoll ta' dak li jkun meħtieġ li jsir, bis-sehem u l-kontribut onest ta' kulħadd, dejjem skond ma jkun jiflaħ dak li jkun, ħalli jkunu jistgħu jiġu sostnuti kif imiss is-servizzi soċjali, inkluża s-sistema tal-pensjonijiet.

Naqblu lkoll li huwa xieraq li, b'ħidma id f'id, jiġi assigurat li meta jasal iż-żmien li l-bniedem jirtira mix-xogħol, ikollu dħul regolari tajjeb biżżejjed biex ikun jista' jgħix il-bqija ta' ħajtu b'mod xieraq u dinjituż.

**L-imġiba fuq ix-xogħol**

Fi żmienna, pero', barra fuq l-impjiegi u s-servizzi soċjali huwa xieraq li nitkellmu wkoll, forsi aktar minn qatt qabel, fuq l-etika tax-xogħol u dwar kif qed inġibu rwieħna fuq ix-xogħol.

Għaldaqstant, it-tema li l-Knisja f'Malta qed tipproponilna biex nirriflettu fuqha għall-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' din is-sena, jiġifieri "Spirtu Nisrani fuq il-post tax-xogħol", hija tema attwali ħafna.

Jekk irridu li fuq il-post tax-xogħol tagħna jkollna tassew spirtu nisrani, irridu nkunu lkoll, min iħaddem u min jaħdem, nies ħabrieka u xhieda ġenwini tas-sens ta' onesta', solidarjeta', fraternita' u ġustizzja.

Biex min iħaddem ikun tassew promotur ta' l-ispirtu nisrani fuq il-post tax-xogħol, per eżempju, irid jieħu ħsieb li jagħti ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa lill-ħaddiema tiegħu, skond in-natura tax-xogħol u r-responsabbiltajiet li jafdalhom f'idejhom. Irid ukoll juri rispett kontinwu lejn id-dinjita' ta' kull impjegat tiegħu u ma jinsa qatt li l-ħaddiem għandu d-dinjita' ta' bniedem u mhux magna.

Min iħaddem irid ukoll joqgħod attent li f'dawk li huma ħlasijiet, kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet ta' promozzjoni jimxi dejjem b'ġustizzja sħiħa ma' kulħadd, hi x'inhi n-nazzjonalita' ta' min jaħdem, u ma jkun qatt li jaqa' fi preferenzi jew diskriminazzjonijiet illeġittimi per eżempju skond it-twemmin politiku, il-kulur tal-ġilda, is-sess, favuri sesswali jew xorta oħra ta' dak li jkun.

Min-naħa l-oħra, il-ħaddiema jridu jieħdu ħsieb li x-xogħol tagħhom jagħmluh sew u fil-ħin, u li ma jkun qatt li jintrebħu mit-tentazzjoni ta' l-għażż, skartar, xogħol inferjuri għax magħmul b'nuqqas ta' responsabbilta', assenza minħabba mard finta, ħsara f'apparat li tista' tiġi evitata, serq minn fuq il-post tax-xogħol u deni ieħor bħal dan.

Is-serq jaf jieħu diversi forom. Jekk min iħaddem ma jagħtix ħlas xieraq lil min jaħdem, skond in-natura tax-xogħol u r-responsabbiltajiet li jkollu l-ħaddiem, dan ikun serq. Daqstant ieħor ikun serq jekk il-ħaddiem jonqos milli jagħmel ix-xogħol tiegħu tajjeb u fil-ħin. Min, imbagħad, ma jmurx għax-xogħol għax jgħid li hu marid meta dan ma jkunx minnu, dan jista' jkun ifisser serq doppju: ma jkunx qed jagħmel xogħol li hu fid-dover meta jista' jagħmlu, waqt li fl-istess ħin iżid piż bla bżonn fuq sħabu l-ħaddiema l-oħrajn u fuq is-sistema tal-benecfiċċji soċjali.

Il-ħaddiem irid joqgħod attent ukoll li fuq il-post tax-xogħol iżomm id-dinjita' tiegħu u ma jkun qatt li flok promotur ta' l-imġiba korretta u tas-solidarjeta' fost sħabu l-ħaddiema, isir strument ta' inġustizzja, firda u nkwiet.

Barra minn hekk, min jaħdem ikun qed jonqos bil-kbir jekk jinqeda bit-taħlit bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol, biex jibni xi ħbiberija ndenja ma' xi persuna partikolari bir-riskju li jfarrak il-familja tiegħu stess u/jew il-familja ta' ħaddieħor, bid-deni kollu li dan bilfors iġib miegħu.

Nappella lill-ħaddiema kollha biex ma jinsew qatt ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-familja tagħhom u r-rispett li għandhom juru lejn is-sħuħija tal-familja ta' ħaddieħor.

**Fiduċja komuni**

Ir-relazzjonijiet bejn min iħaddem, inkluż min ikun imexxi, mal-ħaddiema u viċi-versa, u r-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema nfushom, għandhom ikunu minnhom infushom esperjenza ta' sinċerita' u korrettezza li, tarġa wara l-oħra, tiżviluppa f'garanzija tal-fiduċja komuni meħtieġa biex fl-ambjent tax-xogħol ikunu jistgħu jixxettlu tassew għeruq ta' spirtu nisrani xieraq ta' mħabba fil-prattika.

Jitnissel gwaj kbir jekk il-ħaddiem iħalli lilu nnifsu jinħakem mill-egoiżmu, u fuq ix-xogħol ifittex l-ewwel, jekk mhux biss, li jissodisfa l-aptiti tiegħu b'mod li jqiegħed fil-ġenb is-sens ta' lealta' li huwa hu fid-dmir li juri lejn min iħaddmu u lejn sħabu kollha fuq il-post tax-xogħol u l-familji tagħhom.

Kulħadd għandu jaħdem biex il-mod kif inġibu ruħna fuq ix-xogħol ikun jixhed it-twemmin nisrani tagħna, mibni kif inhu fuq l-imħabba.

Ħafna drabi x-xogħol jitlob minna s-sagrifiċċji. Hemm is-sagirifiċċji li jitlob ix-xogħol minnu nnifsu u hemm ukoll is-sagrifiċċji li nkunu rridu nagħmlu biex ma ninġarrux minn xi kurrent li jitfagħna 'l barra mit-triq it-tajba f'dik li hija mġiba korretta.

Quddiem is-sagrifiċċji li nkunu meħtieġa nagħmlu fuq ix-xogħol, inkluż biex nimxu dejjem fid-dritt, għandna nfittxu l-għajnuna ta' Ġesu'.

Meta nħarsu lejn Ġesu' nifhmu malajr li l-għaraq u t-tbatija li x-xogħol iġib miegħu fil-qagħda tal-bniedem f'din il-ħajja, jagħtu lil kull bniedem, imsejjaħ biex jimxi wara Kristu, il-mezz biex, b'imħabba, jissieħeb fil-ħidma fejjieda ta' ġid li Kristu ġie biex jagħmel fid-dinja. L-opra tas-salvazzjoni seħħet bit-tbatija u l-mewt tas-salib. Il-bniedem, għalhekk, huwa u jġarrab it-tbatija u s-sagrifiċċji tax-xogħol flimkien ma' Kristu msallab għalina, b'xi mod ikun qiegħed, flimkien ma' l-Iben ta' Alla, iħabrek għall-fidwa tal-bnedmin kollha. Ikun qiegħed juri lilu nnifsu bħala veru dixxiplu ta' Ġesu', iġorr kuljum salibu bix-xogħol li hu msejjaħ jagħmel.

Il-mudell tagħna bħala ħaddiema għandu jkun San Ġużepp Ħaddiem. Fix-xogħol tiegħu biex jaqla' l-għajxien tal-familja tiegħu, San Ġużepp kien dejjem immexxi mill-aċċettazzjoni tar-rieda ta' Alla għalih, minn dedikazzjoni, kif ukoll minn lealta' sħiħa lejn il-familja tiegħu.

Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana
28 ta' April 2006

NOTA: Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ta dan il-messaġġ waqt Quddiesa li ċċelebra għas-suldati ta' l-Iskwadra Marittima tat-Tieni Riġment tal-Forzi Armati, nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April 2006, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.